VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,812, 30 ta' Settembru, 2011
Taqsima B

A.L. 393 tal-2011

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għad-Diploma in Library and Information Studies - Dip. L.I.S. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Library and Information Studies – Dip. LIS – taħt l-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod'ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien;

"il-Diploma" tfisser id-Diploma in Library and Information Studies – Dip.LIS;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għad- Diploma in Library and Information Studies – Dip. LIS; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2011 jew wara.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul fil-Kors

3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul, ikunu għaddew mill-Livell Intermedju tal-Matrikola fl-Ingliż, jew l-ekwivalenti tiegħu.

(2) L-applikanti li qed japplikaw għad-dħul skont is-sottoparagrafu (a) (iii) tal-paragrafu (2) tar-regolament 2 tar-Regolamenti għad-Dħul, preferibbilment għandhom ikollhom sena esperjenza fil-bibljotekarja u jkunu qegħdin jaħdmu bħala librara kif muri mit-testimonjanzi maħruġa minn min iħaddem.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' sena ta' studju fuq bażi *full-time* jew sentejn fuq bażi *part-time*.

Il-Programm tal-Kors

5. Il-Kors jikkonsisti minn numru ta' taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 60 krettu, inklużi t-taqsimiet studju sinottiċi, pjazzament u esej twil.

6. Il-Bord jippubblika l-programm ta' studju skont il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali u kif approvat mis-Senat, qabel il-bidu ta' kull Kors. Suġġett għal-tibdil li l-Bord jista' jagħmel, bl-approvazzjoni tas-Senat, l-istudenti għandhom isegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kretti kif indikat fil-programm għad-Diploma.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

7. (1) Il-Marka Medja Globali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tad-Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-Kors, li jingħataw piż kif ġej:

Taqsimiet studju, il-pjazzament u l-esej twil	60%
Taqsimiet studju sinottiċi	40%.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda b'Mertu
Għadda.